Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31

Data tal-laqgħa: 30 ta' Ġunju 2021

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan nżammet *online* permezz ta' *Skype,* nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2021 fl-4.00pm.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-SE infurmat li peress li nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Ġunju 2021, in-Nutar Ian Spiteri ressaq ir-riżenja tiegħu bħala Sindku u Kunsillier fil-Kunsill Lokali Ħal Balzan, b'effett immedjat. Għalhekk, il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-Viċi Sindku, Dr Angelo Micallef, sakemm jinħatar Sindku ġdid.

Il-Viċi Sindku beda billi f'isem il-Kunsill kollu, irringrazzja lis-Sindku preċedenti, in-Nutar Ian Spiteri għas-sitt snin ta' ħidma għall-Kunsill.

Il-Viċi Sindku ippropona li tiġi diskussa *item* 31.10 qabel xogħol ieħor peress li kien hemm numru ta' residenti preżenti *online* speċifikament għal dan *item*. Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano issekonda u l-Kunsill approva.

## 31.10 *Park Lane Project*

31.10.1 Il-Viċi Sindku qal li dan l-*item* diġà ġie diskuss f'laqgħat preċedenti, kif ukoll internament u f'dan il-punt il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk hux ser jintervjeni fuq dan il-proġett billi jagħmel sottomissjoni mal-PA u jekk ser jintervjeni jrid jiġi deċiż jekk hux ser joġġezzjona kontra l-proġett kollu jew inkella jissottometti r-riservazzjonijiet kontra numru ta' punti.

31.10.2 Qabel ittieħed il-vot, il-Viċi Sindku talab gwida dwar jekk kienx hemm każ ta' kunflitt ta' interess peress li numru ta' xhur ilu, qabel ma kienu ħarġu d-dettalji dwar il-proġett b'mod pubbliku, qariba tiegħu kellha laqgħa ma' rappreżentant tal-iżviluppatur wara li hi kienet tkelmet ma' *estate agent* dwar il-kumpless. Matul din il-laqgħa mal-iżviluppatur, ma kien hemm ebda diskussjoni dwar appartamenti partikolari fil-kumpless jew inkella dwar prezz. Hi saret taf min hu l-iżviluppatur waqt din il-laqgħa u ngħatat xi dettalji tentattivi dwar il-proġett. Għajr dik il-laqgħa, ma kien hemm ebda espressjoni oħra ta' interess stante l-fatt li nħass li l-proġett seta' potenzjalment ikun kontroversjali u għalhekk joħloq kunflitt ta' interess jekk ikun hemm xi rabta finanzjarja.

31.10.3 Wara diskussjoni qasira dwar din l-ispjegazzjoni nħass li s-sitwazzjoni ma kienet toħloq ebda kunflitt ta' interess.

31.10.4 Xi residenti preżenti ressqu t-tħassib tagħhom kontra dan l-iżvilupp. Il-Kunsill iddiskuta u fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, il-Kunsill unanimament qabel li jagħmel sottomissjoni in prinċipju. Ovvjament, il-Kunsill ser jieħu parir professjonali sabiex tkun tista' tiġi ppreparata l-ittra tas-sottomissjoni. Ser isir *task force* li jinkludi fih ir-residenti.

31.10.5 Kien hemm qbil li ssir laqgħa *online* mar-residenti, nhar is-Sibt 3 ta' Lulju 2021 fl-4pm, sabiex jiġi diskuss u deċiż il-pass li jmiss.

## 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

31.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

31.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 30. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

31.2.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 31.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

31.3.1 <u>Para 30.9 - Problema tad-drenaġġ f'Wied Ħal Balzan</u>
Is-SE infurmat li l-WSC qalulna li d-disinji finali ser ikunu lesti sa nofs Lulju, fejn ser ikunu qed jibdew il-proċess biex tinħareġ is-sejħa għall-offerti. Sadanittant qed jissorveljaw il-problema biex kemm jista' jkun jitnaqqas l-inkonvenjent.

31.3.2 Para 30.3.1 - Għassa tal-Pulizija
Il-Viċi Sindku qal li ser nerġgħu niktbu wara li ssir il-ħatra tas-Sindku peress li għadna ma rċevejniex risposta.

31.3.3 Para 30.4.3 - Bankina fi Triq Idmejda k/m Triq San Valentin
Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx żviluppi dwar dan. Is-SE infurmat li l-applikazzjoni saret u qed nistennew l-approvazzjoni ta' TM.

31.3.4 Para 30.4.2 - *Overspeeding* fi Triq il-Kbira (bejn l-ispiżerija u l-Pjazza)
Il-Kunsillier Stephen Gatt issuġġerixxa 3 postijiet fejn potenzjalment jistgħu jsiru *sleeping policeman:*

1. Quddiem djar nru. 50 u 245; jew
2. Viċin Sqaq Nru. 1; jew
3. Viċin Triq San Rokku

Ser niktbu lir-residenti taż-żona biex nitolbu l-kunsens tagħhom qabel ma napplikaw għall-permess ma' TM.

31.3.5 Para 30.12.8 - Talba għal *dog bins*
Il-Kunsillier Stephen Gatt qal li hemm xi *dog bins* imkissrin u hemm bżonn li jinbidlu. Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn li jiġi stabbilit liema *dog bins* hemm bżonn jinbidlu biex tiġi identifikata l-ispiża. Il-Kunsillier Stephen Gatt ser jipprepara lista tad-*dog bins* li jridu jinbidlu u din il-kwistjoni tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 31.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

31.4.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni, peress li bħalissa, il-Kunsill jinsab mingħajr Sindku.

31.4.2 Il-Viċi Sindku infurma li fis-6 ta' Lulju ser issir l-elezzjoni każwali u se jkun elett il-Kunsillier il-ġdid biex jimtela l-post battal tan-Nutar Ian Spiteri.

## 31.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

31.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 31.6 Rapporti

31.6.1.1 *Tender for the Provision of Street Sweeping Services in an environmentally friendly manner in Ħal Balzan* – BLC 02/2020 - Aġġudikazzjoni
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 02/2020. Il-Kunsillier Mary Louise Briffa ddikjarat kunflitt ta' interess peress lir-raġel ta' kollega tagħha għandu *share* f'kumpanija li tergħet l-offerta. Għalhekk ma ħaditx sehem fid-deċiżjoni.

31.6.1.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-offerta ta' Galea Cleaning Solutions JV u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvati.

31.6.2.1 *Tender for the Upkeep and Maintenance of Parks, Gardens and Soft Areas using environmentally friendly products and practices* – BLC 01/2021 - Aġġudikazzjoni
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 01/2021.

31.6.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-offerta ta' Mark Taliana Gardening u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvati.

## 31.7 Tisbiħ tal-*Playing field*

31.7.1 Il-Viċi Sindku ipprepara *draft email* bil-mistoqsijiet kollha li għandu l-Kunsill biex tintbagħat lill-*Contracts Manager* sabiex ikun jista' jipprovdi kjarifika għal din l-istima. Il-Kunsill approva u ser tintbagħat minnufih.

## 31.8 Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

31.9.1 Is-SE infurmat li l-iskemi jridu jiġu kollha implimentati sal-aħħar ta' Awwissu 2021 u għalhekk ir-restawr tal-Madonna tar-Rummiena u tal-istatwa ta' Santa Marija ma jistax isir mill-fondi tal-iskemi għax m'hemmx

biżżejjed żmien biex tapplika għall-permessi u jinħarġu s-sejħiet għall-offerti. Għalhekk, il-Kunsill irid joħroġ bi proġetti oħra żgħar li jistgħu isiru saż-żmien stipulat.

31.9.2 Is-SE tat rendikont ta' l-iskemi li baqa' pendenti:

- Skema 1/2020 – Proġetti mill-Kunsilli Lokali - €34,000
- Skema 6/2020 – Avvenimenti Soċjo Kulturali - €10,000
- Skema 10/2020 – Proġett fil-komunità - €3,000
- Fondi mir-Rimborż tal-LESA - €1,634.04

31.9.3 <u>Fondi mir-rimborż tal-LESA</u>
Is-SE ressqet kwotazzjoni li tammonta għal €1,174.10c biex jinbidlu s-*CCTV cameras* li hemm f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina u kwotazzjoni ta' €472 biex tiġi installata *CCTV camera* mal-faċċata tal-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill approva u ser napplikaw mar-Reġjun.

31.9.4.1 <u>Skema 1/2020 – Proġetti mill-Kunsilli Lokali</u>
Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li parti minn din l-iskema jintużaw biex il-Kunsill joffri servizz ta' trasport għall-anzjani. Il-Kunsill unanimament approva u se nġibu kwotazzjonijiet għat-trasport:

1. Minn Ħal Balzan għal Mater Dei u lura
2. Minn Ħal Balzan għal Berġa, HSBC u BOV ta' Triq in-Naxxar, Birkirkara u lura

Dan għaliex l-applikazzjoni li saret mal-LESA biex jinxtara vann elettriku biex jiġi offrut dan is-servizz ma ġietx approvata.

31.9.4.2 Ġie ssuġġerit li jiġu organizzati xi korsijiet għaż-Żgħażagħ u għall-anzjani. Il-Kunsillier Mary Louise Briffa ser iġġib id-dettalji tal-korsijiet sal-ġimgħa d-dieħla.

31.9.4.3 Ġie ssuġġerit ukoll li jinbidlu d-*dog bins* li hemm imkissrin permezz ta' din l-iskema. Ser inġiebu kwotazzjonijiet.

31.9.4.4 Kien hemm qbil li l-Kunsilliera jibgħatu l-ideat tagħhom sa nhar il-Tnejn 5 ta' Lulju 2021 biex jiġu approvati mill-Kunsilliera. Dan biex sal-ġimgħa d-dieħla nilħqu napplikaw mar-Reġjun.

31.9.5 <u>Skema 10/2020 – Proġett fil-komunità</u>
Ġie ssuġġerita fi permezz ta' din l-iskema jsir il-monument artistiku li kellu jsir fi Triq il-Qarċilla. Is-SE ser tibgħat id-disinn lill-Kunsilliera sabiex inġibu xi kwotazzjonijiet. Apparti minn hekk, ser nitolbu lill-Perit jagħtina l-qisien ta' kemm l-iktar li jista' jkun kbir il-monument.

31.9.6 <u>Skema 6/2020 – Avvenimenti Soċjo Kulturali</u>
Il-kunċert mużikali li kien ippjanat ma sarx minħabba l-COVID-19. Ġie ssuġġerita li, peress li ma tantx fadal żmien, isir kunċert biż-żewġ baned ta' Ħal Balzan (jew xi mużiċisti) għal Awwissu. Din l-attività tkun speċi ta' Lejla Balzanija Kulturali fejn f'din l-attività jiġi *launched* id-dokumentarju fuq Ħal Balzan. Il-Kunsill qabel dwar dan u l-Kunsilliera ser jiġbru aktar informazzjoni biex inkunu nistgħu napplikaw mar-Reġjun.

## 31.9 *One-way* fi Triq il-Karenza u Triq il-Paguni

31.9.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill *site plan* tal-proposta tal-*One-Way.* Din il-proposta ressaqha n-Nutar Ian Spiteri fil-laqgħa li għaddiet fuq suġġeriment ta' resident minn dik iż-żona.

31.9.2 Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas de Gaetano astjena mid-diskussjoni peress li joqgħod f'waħda minn dawn it-toroq.

31.9.3 Il-Kunsill iddiskuta u m'approvax dan is-suġġeriment għax dawn it-toroq jifilħu li jkunu *two-way* u qatt ma kien hemm problemi tat-traffiku f'dawn it-toroq u għalhekk ser jibqa' kollox kif inhu.

## 31.11 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

31.11.1 <u>Servizz tat-*telephone, internet* u *mobile*</u>

Is-SE infurmat li wasal biex jiskadi l-kuntratt u għalhekk ressqet proposta ġdida mingħand il-GO plc. Il-Kunsill approva li nġeddu l-kuntratt.

31.11.2.1 <u>Bdil fil-ħinijiet tas-Sajf ta' waħda mill-impjegati</u>
Is-SE infurmat li waħda mill-impjegati talbet li jinbidlu l-ħinijiet tax-xogħol tagħha tas-Sajf. Dan billi jkollha nhar ta' Ġimgħa *off* u żżid il-ħinijiet bejn it-Tnejn u l-Ħamis biex jikkumpensaw għall-Ġimgħa. Dan għaliex xtaqet li jkollha ġurnata *off* peress li taħdem is-Sibtijiet ukoll.

31.11.2.2 Il-Kunsill iddiskuta u approva t-talba bil-kundizzjoni li jekk ikun hemm xi *leave* ippjanat (jew *sick)* mill-impjegata l-oħra, tkun trid tidħol il-Ġimgħa biex l-uffiċċju ma jinżammx magħluq.

31.11.3 <u>Skema biex isir ingaġġ ta' *steward* għat-trattament xieraq tal-annimali</u>
Is-SE infurmat li kif kien approvat mill-Kunsilliera permezz ta' *email* (peress li l-iskema għalqet qabel il-laqgħa tal-Kunsill), il-Kunsill applika għal din l-iskema flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija u Iklin. Il-Kunsilliera qablu.

31.11.4 <u>Fondi LESA – Proġetti fil-komunitajiet</u>
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill biex jinxtara vann elettriku u joffri s-servizz ta' trasport għall-anzjani ma ġietx approvata mill-LESA.

31.11.5 <u>Problemi ta' parkeġġ fi Vjal De Paule</u>
Residenta qed tilmenta dwar il-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ fi Vjal De Paule. Ġie rrimarkat li sfortunatament, il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn biex isolvi din il-problema. Ser ninfurmawha bil-proċess biex tapplika għal-*reserved parking for disabled* quddiem il-bieb, dejjem jekk tikkwalifika għal *blue badge*.

31.11.6 <u>Imwejjed u siġġijiet quddiem *Fra Giuseppe Wine Bar*</u>
Resident qed jilmenta fuq l-ammont ta' mwejjed u siġġijiet li qed jinħarġu quddiem *Fra Giuseppe Wine Bar*, b'tali mod li qed jiġi imblokkat l-aċċess tal-isqaq. Din il-kwistjoni ser tiġi diskussa aktar 'il quddiem wara li jiġu vverifikati xi affarijiet.

31.11.7.1 <u>Suġġeriment biex isiru *bollards* fuq il-bankina</u>
Il-Viċi Sindku infurma li residenta qed titlob li jitwaħħlu żewġ *bollards* fuq il-bankina quddiem id-dar tagħha fi Triq il-Kbira (faċċata ta' Hudson) peress li ta' kuljum jipparkjaw karozzi u vannijiet b'tali mod li jimblokkaw l-aċċess għad-dar tagħha.

31.11.7.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niċċekkjaw jekk hux possibbli li nwaħħlu żewġ *bollards* fin-nofs tal-bankina, biex il-vetturi ma jimblokkawx l-aċċess tad-dar. Jekk dan ikun possibbli, napplikaw għal permess ma' TM.

## 31.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

31.12.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 06/21, li tinkludi l-ammont ta' €63.13c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Mejju 2021.

31.12.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 31.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

31.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.05pm.

31.14.2 Ser issir laqgħa urġenti, nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Lulju 2021 fil-5.30pm biex jinħatar Sindku u Viċi Sindku ġdid. Il-laqgħa ta' wara se ssir nhar il-Ħamis, 22 ta' Lulju 2021 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 20 ta' Lulju 2021.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |